

31995D0215

20.6.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 134/25

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tad-29 ta' Mejju 1995****dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-għamla ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-akkwisti li jsiru mill-Gvern**

(95/215/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-aħħar sentenza ta' Artikolu 57(2) u Artikoli 66, 100 a, 113 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' Artikolu 228(2) u Artikolu 228(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi, għall-Komunità, il-poteri biex tikkonkludi ftehim internazzjonali mhumiex biss mogħtija espliċitament mit-Trattat imma joħorġu wkoll minn dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat u minn azzjonijiet meħuda skond dawk id-dispożizzjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-Komunità;

Billi, meta r-regoli tal-Komunità ġew adottati sabiex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattat, l-Istati Membri, barra l-qafas ta' l-istituzzjonijiet komuni, ma jistgħux jidħlu f'obbligi li setgħu jkollhom effett fuq dawk ir-regoli jew jibdli l-intenzjoni tagħhom;

Billi parti mill-obbligi fil-Ftehim innegozjat mill-Komunità Ewropea ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar akkwisti li jsiru mill-gvern taqa taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Komunità permezz ta' Artikolu 113 tat-Trattat;

Billi, aktar minn hekk, xi wħud mill-impenji l-oħra għandhom effett fuq ir-regoli tal-Komunità adottati fuq il-bażi ta' Artikoli 57(2), 66 u 100 a tat-Trattat;

Billi, fl-aħħar mill-aħħar, Artikolu 37 tad-Direttiva 93/38/KEE ⁽³⁾ jikkonferixxi espressament fuq l-istituzzjonijiet tal-Komunità setgħat biex imexxu n-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar l-arranġamenti legali applikabbli għall-kuntratti tal-gvern mogħtija minn entitajiet fl-Istati Membri fis-setturi ta' l-eletricità u tal-portijiet, *inter alia*;

Billi il-Ftehim innegozjat mill-Komunità Ewropea mal-Istati Uniti tal-Amerika dwar kuntratti tal-gvern għandu jkun konkluż,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-għamla ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar kuntratti tal-gvern huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar persuna bis-setgħa li jiffirma l-Ftehim biex jorbot lill-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Mejju 1995.

*F'isem il-Kunsill**Il-President*

H. de CHARENTE

⁽¹⁾ ĠU C 291, tad-19.10.1994, p. 4.

⁽²⁾ Il-Kunsens mogħti fid-19 ta' Mejju 1995 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 li tikkordinata l-proċeduri tal-kuntratti ta' l-entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, l-enerġija, t-Trasport u t-Telekomunikazzjonijiet (ĠU L 199, tad-9.8.1993, p. 84).